Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,290, 26 ta' Lulju, 2024
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXIX tal-2024

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT li jemenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni, Kap. 495 u liġijiet varji dwar minuri.

ACT No. XXIX of 2024

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Adoption Administration Act, Cap. 495 and various laws relating to minors.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

26 ta' Lulju, 2024

ATT Nru XXIX tal-2024

ATT li jemenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni, Kap. 495 u liġijiet varji dwar minuri.

Il-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni u Liġijiet Varji dwar Minuri. Titolu fil-qosor.

TAQSIMA I
EMENDI GĦALL-ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAL-ADOZZJONI

2. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali". Emendi għall-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni. Kap. 495.

3. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

(a) it-tifsira "adozzjoni" għandha tiġi sostitwita bit-

tifsira ġdida li ġejja:

""adozzjoni" tfisser adozzjoni lokali jew bejn pajjiż u ieħor magħmula skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u kwalunkwe regolamenti magħmula taħthom;";

Kap. 16.
Kap. 602.

(b) fit-tifsira "adozzjoni miftuħa" il-kliem "jżommu kuntatt" għandhom jiġu sostitiwiti bil-kliem "jżommu kuntatt, li jista' jkun fiżiku, virtwali jew permezz ta' korrispondenza"; u

(ċ) minnufih wara t-tifsira "qorti" għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

""Servizz tal-Adozzjoni fi ħdan id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)" tfisser is-servizz tal-adozzjoni offrut mill-aġenzija nazzjonali li hija akkreditata mill-Awtorità Ċentrali, skont il-Konvenzjoni tal-Aja sabiex twettaq adozzjonijiet lokali u dawk bejn pajjiż u ieħor;".

Kap. 16.

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

4. Il-paragrafu (g) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(g) li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru għal implimentazzjoni aktar effettiva tat-Titolu III tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv,) u tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u ta' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;".

Kap. 16.
Kap. 602.

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

5. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali l-kliem "ntalbu d-dettalji tagħha." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ntalbu d-dettalji tagħha, liema kunsens jista' jinkiseb fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri.".

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

6. Minnufih wara l-artikolu 9 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud dan l-artikolu ġdid li ġej:

"L-Awtorità Ċentrali tiżgura li jitfasslu Rapporti ta' wara l-Adozzjoni.

9A. L-Awtorità Ċentrali għandha tiżgura li jitfasslu r-Rapporti ta' wara l-Adozzjoni u jiġu mibgħuta lill-awtoritajiet relattivi.".

Emenda tal-artikolu 22 tal-Att prinċipali.

7. L-artikolu 22 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (g) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(b) is-subartikoli (4) u (5) tiegħu għandhom jiġu mħassra.

Emenda tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

8. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Fil-każ ta' adozzjoni lokali, ir-Rapporti ta' wara l-Adozzjoni għandhom jitfasslu kull sena għal perjodu ta' mhux inqas minn tliet (3) snin jew sakemm il-persuna li tkun ġiet addottata tagħlaq tmintax (18)-il sena, skont liema data tiġi l-ewwel.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

9. L-artikolu 24 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Tqabbil.

24. Fil-każ ta' addozzjonijiet lokali, id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ), bħala l-aġenzija nazzjonali, għandu jqabbel ġenituri adottivi prospettivi ma' minuri mogħtija għall-addozzjoni, fejn tali tqabbil ikun fl-aħjar interess tal-minuri:

Iżda s-Servizz tal-Adozzjoni fi ħdan id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu jżomm lista tal-ġenituri adottivi prospettivi kollha approvati mill-Bord għall-Adozzjoni, li jesprimu l-interess tagħhom sabiex ikunu inklużi fil-lista għal adozzjonijiet lokali:

Iżda wkoll ġenituri adottivi prospettivi approvati jistgħu jikkuntattjaw lis-Servizz tal-Adozzjoni fi ħdan id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) direttament jew jistgħu jiġu riferuti minn kwalunkwe aġenzija tal-adozzjoni akkreditata f'Malta sabiex jitpoġġew fuq l-imsemmija lista.".

Żieda ta' artikoli ġodda fl-Att prinċipali.

10. Minnufih wara l-artikolu 24 tal-Att prinċipali, għandom jiġu miżjuda dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Tqegħid temporanju f'kura alternattiva.

24A. Malli jkun avżat mid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal li ġenitur ikollu l-intenzjoni li jċedi l-kura ta' minuri u jagħti l-minuri għall-adozzjoni, id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) jista' jqiegħed lill-minuri f'kura alternattiva bħala tqegħid temporanju, li fil-każ ta' tarbija ta' twelid għandu jkun għal perjodu ta' mhux inqas minn tmien (8) ġimgħat.

Identifikazzjoni u tqabbil ma' ġenituri adottivi prospettivi approvati.

24B. (1) Fejn il-ġenituri jibqgħu bil-ħsieb li l-minuri jingħata għall-adozzjoni, id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal għandu minnufih jinforma lis-Servizz tal-Adozzjoni fi ħdan id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) li għandu minnufih jidentifika l-ġenituri adottivi prospettivi kollha rreġistrati u approvati li l-profil u l-preferenzi tagħhom jaqblu ma' dawk tal-minuri.

(2) Is-Servizz tal-Adozzjoni fi ħdan id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu, wara li jidentifika l-ġenituri adottivi prospettivi kollha rreġistrati u approvati li l-profil tagħhom jaqbel ma' dak tal-minuri, isejjaħ laqgħa ma' tal-inqas tliet (3) professjonisti ġejjin minn oqsma differenti li għandhom jinkludu:

(a) terapista tal-familja;

(b) psikologu;

(ċ) ħaddiem soċjali fil-grad ta' 'senior social worker'; jew

(d) persuna li hi professjonista li taħdem fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, li għandha tal-inqas tliet (3) snin esperjenza professjonali f'ħidma ma' tfal f'kura alternattiva, u li ma taħdimx mas-Servizz tal-Adozzjoni fi ħdan id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) jew ma' kwalunkwe aġenzija tal-adozzjoni akkreditata.

(3) Meta jiġu identifikati l-iktar ġenituri adottivi prospettivi adegwati, id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu jinforma lill-ġenituri adottivi prospettivi identifikati b'dan it-tqabbil.

(4) Fejn il-ġenituri adottivi prospettivi identifikati jirrifjutaw it-tqabbil, id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu jagħmel kuntatt mal-ġenituri adottivi prospettivi identifikati li jmiss.

(5) Fejn l-ebda mill-ġenituri adottivi prospettivi identifikati ma jaċċettaw it-tqabbil, id-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu javża lis-Servizz tal-Adozzjoni fi ħdan id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) b'dan u l-proċess tat-tqabbil għandu jerġa' jibda mill-bidu.

(6) Meta l-ġenituri adottivi prospettivi identifikati jaċċettaw it-tqabbil, għandha tibda t-tranżizzjoni tal-minuri mal-ġenituri adottivi prospettivi hekk skont il-pjan imfassal mill-professjonisti.

(7) Kull laqgha dwar il-fażi tat-tqabbil għandha ssir fi tmint (8) ijiem tax-xogħol minn meta jkun avżat id-Direttur ikkonċernat, u l-proċess kollu ma għandux jieħu iktar minn tletin (30) ġurnata tax-xogħol sabiex jiġi konkluż.

Superviżjoni mill-Awtorità Ċentrali waqt it-tqabbil.

24Ċ. (1) Il-proċess ipprovdut fl-artikolu 24B għandu jiġi osservat mill-Awtorità Ċentrali f'kull waqt, li għandha tinnomina żewġ (2) professjonisti sabiex josservaw l-imsemmi proċess.

(2) L-Awtorità Ċentrali tista' twaqqaf il-proċess fi kwalunkwe stadju, meta jkun hemm suspett raġonevoli li mhux qiegħed jitħares l-aħjar interess tal-minuri.

Taqsima VIA

Ġenituri Adottivi

Drittijiet u responsabbilta-jiet tal-ġenituri adottivi.

24D. Bla ħsara għad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-ġenituri adottivi skont dan l-Att jew kwalunkwe liġi oħra, ġenituri adottivi għandhom:

(a) jikkoperaw bi sħiħ mal-ħaddiem soċjali ewlieni li jkun qiegħed ifassal ir-Rapporti ta' wara l-Adozzjoni;

(b) f'każijiet ta' adozzjoni miftuħa, jiffaċilitaw il-kuntatt kif speċifikat fil-ftehim ta' adozzjoni miftuħa;

(ċ) jirċievu għajnuna u sapport professjonali adegwat;

(d) jipprovdu informazzjoni, kif magħrufa minnhom, lill-persuna adottata dwar l-istorja ta' ħajjithom, b'mod li huwa jista' jifhem, skont l-età u l-maturità tal-persuna adottata;

(e) japplikaw kwalunkwe rakkomandazzjonijiet u linji gwida mogħtija mill-professjonisti fl-aħjar interess tal-persuna adottata;

(f) jipparteċipaw u jikkoperaw waqt il-proċeduri sabiex jiġi mfassal l-ftehim ta' adozzjoni miftuħa.".

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

11. Minnufih wara l-artikolu 26 tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Rapporti dwar adozzjonijiet privati.

26A. (1) L-Awtorità Ċentrali għandha tkun responsabbli sabiex tirċievi rapporti dwar adozzjonijiet privati u tgħaddihom lill-Pulizija Eżekuttiva għall-investigazzjoni.

(2) L-aġenziji akkreditati kollha għandhom ikunu marbuta li jirrappurtaw kwalunkwe adozzjonijiet privati li jiġu għall-attenzjoni tagħhom lill-Awtorità Ċentrali.".

TAQSIMA II
EMENDA GĦALL-ATT DWAR IS-SAĦĦA

Emenda għall-Att dwar is-Saħħa. Kap. 528.

12. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar is-Saħħa u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar is-Saħħa, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 27 tal-Att prinċipali.

13. L-artikolu 27 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "sittax-il sena" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "erbatax (14)-il sena" kull fejn jokkorru; u

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu, il-kliem "trattament psikjatriku u għall-counselling" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "trattament psikjatriku, counselling, terapija, xogħol soċjali u youth work".

TAQSIMA III
EMENDI GĦALL-ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-MINURI (ĦARSIEN ALTERNATTIV)

Emendi għall-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv). Kap. 602.

14. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv) u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ l-"Att prinċipali".

Emenda għall-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

15. Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali, minnufih wara t-tifsira "Ċentru Terapewtiku u Sikur" għandhom jiġi miżjuda dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)" tfisser id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) li jiġbor fih is-servizzi offruti lit-tfal f'kura alternattiva, is-servizz tal-adozzjoni u s-servizzi għaż-żgħażagħ;

"Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal" tfisser id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal li jinvestiga rapporti dwar tfal u jieħu l-azzjoni meħtieġa skont dan l-Att, fl-aħjar interess tat-tfal;".

Emenda tal-artikolu 31 tal-Att prinċipali.

16. L-artikolu 31 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi (b) u (g) tas-subartikolu (1) tiegħu għandhom jiġu mħassra; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi miżjud dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1A) Il-Bord ta' Reviżjoni jista' jikkonsulta ma' kwalunkwe professjonisti indipendenti oħra, skont il-ħtieġa u l-każ inkwistjoni.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 258 tal-15 ta' Lulju, 2024.

DAVID AGIUS
Deputy Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati